MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2011

Numru. 257/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Warren Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Warren Bugeja ta' 18-il sena, bin Salvu u Jane nee Bartolo, imwieled Pieta fil-15 ta' Dicembru 1989, residenti "Redeemer", Triq l-Arznell, Marsaxlokk, detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 8290 (M)

Akkuzat talli fl-1 ta' Mejju f'dawn il-Gzejjer:

(a) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-

miktub mis-Superintendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' April 2011, fejn Dott. Franco Debono ghall-imputat talab riferenza kostituzzjonali in vista tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali **Alvin Privitera**, **Esron Pullicino**, **Mark Lombardi** u kif wkoll tal-Qorti Ewropea **Salduz vs Turkey**, u dan in vista tal-fatt illi l-imputat waqt l-arrest u l-investigazzjoni ma kellu ebda access ghal parir legali jew li jikkonsulta avukat ta' fiducja tieghu u dan wassal ghal ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq.

Wara li rat id-digriet taghha ta' l-10 ta' Ottubru 2011, fejn ghar-ragunijiet hemm indikati dina l-Qorti cahdet it-talba ghal riferenza kostituzzjonali, u irriteniet illi r-rimedju li ghandu jinghata ghal ksur ta' smiegh xieraq ta' l-imputat: "*huwa propju dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta'* ***Privitera*** *u cioe li l-Qorti tal-Magistrati "tevalwa l-validita u l-ammissibilita tal-provi migjuba quddiemha" fid-dawl tal-konkluzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-atti tal-kawza odjerna ghandhom jibqghu intatti, pero meta din il-Qorti tasal biex taghti s-sentenza ghandha tixtarr il-provi migjuba quddiemha sabiex tassigura li l-htija jew l-innocenza ta' l-imputat tigi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li jilledu d-dritt ta' smiegh xieraq, u li l-istqarrija de quo ma jkollha l-ebda influwenza, diretta jew indiretta, fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali.*"

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat dahal l-isptar fi stat *“drowsy”* hafna. It-tabiba ta’ l-emergenza li invistatu, Dr. Tracy Azzopardi, xehdet li hija kienet rat lill-imputat il-*casualty* biss, u wara li stabbilizzatu, tellghuh go sala. Hija xehedet li r-rizultati tat-testijiet tad-demm li kienet haditlu ma instabux fil-file ta’ l-isptar ta’ l-imputat, u ghalhekk ma setghatx tghid x’kienu, ghax hija qatt ma rathom.

Ghalhekk, il-kaz tal-prosekuzzjoni qieghed iserrah fuq l-istqarrija ta’ l-imputat fejn ammetta li huwa kien bela’ pillola ecstacy. Din l-istqarrija ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kienitx tippermetti assistenza legali qabel isir l-interrogatorju, u konsegwentement din l-istqarrija ma jista’ jkollha l-ebda influwenza diretta jew indiretta fuq l-esitu ta’ dawn il-proceduri kriminali ghaliex ttiehdet bi ksur tad-dritt ta’ smiegh xieraq tal-imputat, kif interpretat mill-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropea. Ghaldaqstant din l-istqarrija qed tigi skartata minn din il-Qorti.

Illi ma hemm l-ebda provi ohra kontra l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 u ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 issib lill-imputat mhux hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u qieghda tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------